VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,740, 14 ta' Marzu, 2017
Taqsima B

A.L. 84 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għas-Certificate in Language Proficiency – Cert. Lang. Pr. - u għad-Diploma in Language Proficiency – Dip. Lang. Pr. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(c) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għas-Certificate in Language Proficiency – Cert. Lang. Pr. - u għad-Diploma in Language Proficiency – Dip. Lang. Pr. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għas-Certificate in Language Proficiency – Cert. Lang. Pr. - u għad-Diploma in Language Proficiency – Dip. Lang. Pr. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 338 tal-2015, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**It-Tul tal-Korsijiet**

5. (1) Il-Korsijiet jekk segwiti flimkien ma' kors ieħor għandom jinfirxu kif ġej:

(a) il-Kors għaċ-Ċertifikat: 6 semestri fuq bażi *part-time*; u

(b) il-Kors għad-Diploma: minn 4 sa 6 semestri fuq bażi *part-time*, wara l-Kors għaċ-Ċertifikat."

(2) Tul ta' żmien differenti jista' jiġi approvat jekk il-Kors ma jkunx segwit flimkien ma' kors ieħor."